**15 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

John Cassar

*versus*

Avukat Dr. Giovanni Scicluna, B.Litt., LL.D., ne.

**Paternità Leġittima — Preżunzjoni Legali — Art. 81 u 89 tal-Kap. 23.**

*Il-liġi tistabbilixxi preżunzjoni favur l-iben imwieled mhux qabel 180 ġurnata miż-żwieġ u lanqas wara 300 ġurnata mix-xoljiment jew annullament taż-żwieġ, fis-sens illi dak it-tifel jingħadd li tnissel matul iż-żwieġ, u per konsegwenza jitqies li hu iben żewġ ommu. Iżda dan ma jfisserx ħlief illi t-tifel li jitwieled f'dawk it-termini huma assistit mill-preżunzjoni tal-leġittimità; u l-prova kuntrarja għal dik il-preżunzjoni hija l-azzjoni ta' denegata paternità.*

*Il-leġittimità ta' tifel, mbgħad, li jitwieled tliet mitt ġurnata wara li ż-żwieġ jiġi maħlul jew annullat tista' tkun attak-*

*kata minn kull min ikollu nteress; u din l-impunjazzjoni tista' ssir anki "ope exceptionis".*

*Għaldaqstant, jekk tifel jitwieled 300 ġurnata wara l-mewt ta' missieru, u fl-att tat-twelid tiegħu jiġi reġistrat bħala iben ta' missier mhux magħruf, u dak l-iben jagħmel kawża biex jiġi korrett l-att tat-twelid tiegħu fis-sens li hu jiġi reġistrat bħala iben ir-raġel ta' ommu li miet, u mhux ta' missier mhux magħruf, id-Direttur tar-Reġistru Publiku jista' jimpunja l-leġittimità ta' dak l-iben fl-istess ġudizzju; u f'dak il-ġudizzju għandha tiġi affrontata l-kwistjoni talleġittimità jew le ta' dak l-iben. U hekk l-iben jista' jipprova li hu leġittimu malgrado li twieled 300 ġurnata wara il-mewt ta' missieru.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi fl-att tal-twelid ġie inskritt fir-Reġistru Publiku, erroneament, bħala iben ta' Maria Assunta armla minn Giovanni Romano u ta' missier mhux magħruf (dok. A); u billi, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni talkawża, għalkemm ir-raġel ta' omm l-attur miet fit-23 ta' Novembru 1931 (dok. B), u l-attur twieled fil-21 ta' Settembru 1932, l-attur huwa t-tifel leġittimu tal-imsemmi missieru Giovanni Romano, għaliex ġie konċepit minnu fi żmien prossimu għall-mewt tiegħu; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-attur huwa iben leġittimu tal-mejjet Giovanni Romano; (2) konsegwentement, l-att tat-twelid talattur jiġi korrett, fis-sens li jiġi mħassar mill-iskrizzjoni relattiva, kull fejn jirrikorri, il-kliem "Missier mhux magħruf", u sostitwit bil-kliem "Giovanni Romano mejjet", u jiġu nseriti fil-kolonni rispettivi l-partikularitajiet tiegħu kollha l-oħra li jirriżultaw mid-dokument "B" ġa fuq riferit. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' April 1961, li biha ċaħdet it-talbiet tal-attur, u ordnat li l-ispejjeż firrapporti bejn il-konvenut Dr. Scicluna u l-attur jitħallsu mill-istess attur, u fir-rapporti ta' dan mal-konvenuti l-

oħra jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru għandu jibqa' għall-attur. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kuntrarjament għall-konvenuti l-oħra, il-konvenut Dr. Giovanni Scicluna, bħala Direttur tar-Reġistru Publiku, biex isostni l-korrettezza tal-att tat-twelid tal-attur, jinvoka favur tiegħu d-dispożizzjoni tal-art. 81 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad illi "l-iben imwieled mhux qabel 180 ġurnata miż-żwieġ u lanqas wara 300 ġurnata minn dak inhar li ż-żwieġ jiġi maħlul jew annullat, jingħadd li tnissel matul iż-żwieġ". B'din id-dispożizzjoni ġiet assigurata l-istabbilità tal-istat tal-individwu, u b'hekk ġew evitati u superati l-kwistjonijiet kollha li setgħu jinqalgħu dwar l-istat tiegħu;

"Si è d'accordo generalmente a pensare", josserva Laurent, fuq l-awtorità ta' Duvergier, "che, non ostante le variazioni incontestabili della natura, vi ha un termine al di là del quale non si trova più che l-impossibile od il mostruoso. Era senza dubbio preferibile di affermare e di marcare invariabilmente questo termine, a rischio di errore su alcuni casi improbabili, piuttosto che di lasciare tutte le quistioni relative allo stato degli uomini sotto la dipendenza di un calcolo arbitrario" (Diritto Civile, Vol. III. para. 361, paġ. 368). Dan huwa wkoll l-insenjament ta' Baudry:— "Determinando con regole precise il periodo nel quale deve necessariamente farsi il concepimento del figlio, il legislatore non si è proposto soltanto di escludere l'arbitrio del giudice. Inspirandosi ad interessi superiori, all'interesse della società intiera e all'interesse del figlio stesso, ha voluto sopratutto facilitare la prova della figliazione legittima" (Persone, IV, para. 443;

Illi l-attur. fin-nota tiegħu fol. 24, issottometta illi l-preżunzjoni stabbilita mill-art. 81 fuq ċitat mhix assoluta, u għalhekk għandha tiġi permessa l-prova kuntrarja; iżda din is-sottomizzjoni mhix konformi għall-liġi (art. 1279 (1) Kod. Ċiv.). Difatti. kif jikkommenta Duranton, tirrikorri din il-preżunzjoni "nei casi in cui la legge . . . . nega l'azione in giudizio. o concede al convenuto un'eccezione che la rende assolutamente inefficace" (Diritto Civile. Vol. VII, para. 416). U kif jispjega Zachariae, "l'azione si con-

sidera negata ogni qualvolta può venir respinta da una eccezione perentoria" (*Catteneo e Borda,* Codice Civile Italiano Annotato, art. 1353, para. 4). U Lomonaco jmur jikkwalifika bħala assoluta l-preżunzjoni stabbilita fl-art. 160 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, korrispondenti għall-art. 81 tal-liġi tagħna (Nozioni di Diritto Civile, paġ. 132 u 133);

Illi min dan jidher illi, f'każ ta' kontestazzjoni, il-ġudikant ma għandux ebda poter ta' apprezzament, kif jippretendi l-attur, u jkollu jiddikjara l-illeġittimità. "Se la legittimità è contestata", jgħid Laurent, "il tribunale dovrà *dichiarare il figlio illegittimo; dal momento che è provato* che esso è nato trecento giorni dopo lo scioglimento del matrimonio . . . . noi crediamo che il tribunale deve pronunziare l'illegittimità. E ciò è la conseguenza logica della presunzione ammessa dalla legge sulla durata della gravidanza" (op. ċit., para. 387). U skond l-insenjament maġistrali ta' Baudry, "fissando il termine minimo della gravidanza, ed indicando il periodo di tempo nel quale deve farsi il concepimento, i redattori del Codice Civile hanno nettamento manifestato la loro intenzione di assicurare la *stabilità dello stato del figlio, togliendo al giudice quel potere* di apprezzamento che il diritto antico gli riconosceva. Le regole sancite dal Codice in questa parte hanno il carattere di norme di ordine pubblico. Esse s'impongono imperiosamente al magistrato, nè questi se ne può allontanare. Nessuno dunque sarà ammesso a dimostrare che la gestazione ha durato più di trecento giorni. Se il figlo è nato più di trecento giorni dopo lo scioglimento, non si potrà sostenere che il figlio è stato concepito in costanza di matrimonio la durata massima della gestazione non *potendo appunto superare i trecento giorni" (Persone, IV,* para. 443);

Aktar inċiżiv u effikaċi huwa mbgħad l-insenjament ta' De Filippis:— "Se la contestazione non cade sulla durata della gestazione, giacchè è provato od ammesso il punto di fatto della nascita del figlio al di là dei trecento giorni dallo scioglimento od annullamento del matrimonio, il tribunale non può, senza manifesta violazione della legge, discutere la legittimità od illegitimità del figlio" (Diritto Civile Italiano Comparato, Vol. X, para. *58, ediz. 1887*):

Illi, kieku kienet permessa l-prova kuntrarja għal din il-preżunzjoni, il-liġi ma kienetx tkun koerenti magħha nnfisha. "Sarebbe una contradizione", jgħid Marcadè, "che il buon senso ripugna di ammettere, che la legge, la quale proclama impossibile una gestazione di più di trecento giorni, permettesse poi alla prole di far giudicare dai tribunali come possibile questa medesima gestazione" (Cod. Napoleone, art. 315). U tal-istess fehma huwa Duranton:— "La interpretazione (contraria) mette la legge in contradizione con sè stessa e schiude l'adito all'arbitrio sulla parte che più essenzialmente richiede regole certe; imperocchè, oltrepassato che sia il termine, ove arrestarsi? Non si mancherebbe mai di allegare circostanze particolari in favore di una legittimità dalla legge effettivamente non supposta, ed i tribunali eserciterebbero a tal riguardo un potere che essa non volle e non doveva loro attribuire" (op. ċit., Vol. II, para. 58);

Illi l-attur, biex isostni l-ammissibbilità tal-prova kuntrarja għall-imsemmija preżunzjoni, jinvoka favur tiegħu l-art. 89 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "il-leġittimità tat-tifel li jitwieled tliet mitt ġurnata wara li ż-żwieġ jiġi maħlul jew annullat, tista' tkun attakkata minn kull min ikollu nteress"; liema dispożizzjoni għandha tittieħed flimkien mal-oħra tal-art. 81, ġa fuq kommentata;

Il-liġi tuża l-kelma "leġittimità", fis-sens illi, sakemm din ma tiġix kontestata, tirrikorri l-leġittimità "di fatto" jew "apparenti" (De Filippis, op. ċit., para. 57). Difatti, kif josserva Lomonaco, fuq l-awtorità ta' Zachariae, "la presunzione non rende illegittimo 'ipso jure' il figlio contro il quale si eleva; questo figlio non può essere privato della legittimità a cui pretende se non per mezzo di una sentenza del magistrato; se il figlio si trova di fatto nel possesso dei vantaggi e dei diritti annessi alla legittimità, egli continuerà a goderne sino a quando la sua legittimità non sia giudizialmente contestata" (op. ċit., paġ. 132-133). U din il-kontestazzjoni tista' ssir anki "ope exceptionis"; u kif ikompli josserva l-istess awtur, "se il figlio si faccia avanti a reclamare i vantaggi ed i diritti della legittimità, il suo reclamo non si potrà respingere se non facendolo, per via di eccezione, dichiarare illegittimo" (op. u loc. ċit.) Din

hija wkoll il-fehma ta' Giordano (Commento sulle Leggi Civili, art. 237, para. 1). U f'dan ir-rigward il-konvenut Dr. Scicluna, li bħala Direttur tar-Reġistru Publiku għandu d-dmir li l-atti tal-Istat Ċivili jkunu reġistrati skond il-liġi, għandu wkoll interess li jikkontesta l-leġittimità tal-attur u b'hekk isostni l-korrettezza tal-att tat-twelid tiegħu;

Illi ma jiswiex it-tentattiv tal-attur li juri illi huwa kellu dejjem il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu, għaliex, apparti konsiderazzjonijiet oħra, huwa ma ppruvax, u lanqas seta' jipprova, dak li jrid l-art. 93(2) (b) tal-Kodiċi Ċivili; "inter alia", illi missieru kien jittrattah bħala ibnu, u f'din il-kwalità ħaseb għall-manteniment u għat-trobbija tiegħu; għalhekk mhux biżżejjed illi ommu u l-familja kienu jqiesuh bħala iben ir-raġel ta' ommu, għaliex hija meħtieġa l-prova tal-pussess simultaneu fil-konfront taż-żewġ ġenituri, ladarba t-tifel ma jistgħax ikun leġittimu jekk ma jappartjenix lit-tnejn (Demolombe, Diritto Civile, Vol. V, para. 211; Digesto Italiano, Figliazione, para. 68; u Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 171-172, para. 14, 15, 16, 18, 19 u 20);

Illi mhux kontestat li l-attur twieled iżjed minn 300 ġurnata wara l-mewt ta' missieru (li biha nħall iż-żwieġ ma' ommu); u għalhekk huwa ma jistgħax jingħad li huwa tnissel matul iż-żwieġ;

Illi konsegwentement l-ewwel talba tal-attur mhix sostenibbli;

Illi l-eżitu tat-tieni talba ma jistgħax ħlief ikun identiku; u l-art. 314 (Kod. Ċiv.) ikompli jsaħħaħ l-assunt tal-konvenut Dr. Scicluna;

Rat fol. 47 in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 48 il-petizzjoni, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma jidherx li l-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża ġiet impustata fil-veri termini tagħha;

L-art. 81 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Ediz. Riv., jistabbilixxi preżunzjoni favur l-iben imwieled mhux qabel 180 ġurnata miż-żwieġ u lanqas wara 300 ġurnata mix-xoljiment jew annullament taż-żwieġ; b'mod li dak l-iben jingħadd li tnissel matul iż-żwieġ, u per konsegwenza jitqies li hu iben żewġ ommu (art. 800). Il-prova kuntrarja, li ssemmiet waqt it-trattazzjoni, ma tinkwadrax ruħha f'din il-kawża; għaliex dik il-prova tikkonsisti fid-dritt tar-raġel (jew, meta jkun il-każ tal-eredi tiegħu) li jġib il-quddiem in riplusa ta' dik il-preżunzjoni l-azzjoni ta' denegata paternità, konformement għall-art. 83 u segwenti. Lanqas hu l-każ li jiġi varjat f'dan il-kontest it-terminu minimu u massimu tal-ġestazzjoni stabbilit mill-liġi; għaliex għall-finijiet ta' dik il-preżunzjoni ta' leġittimità il-liġi tagħna, kif għamlu liġijiet oħra, adottat regola bażata fuq dak li t-Touillier (Dto. Civ., tomo 11, p. 115) sejjaħ "l'andamento usuale della natura"; mhux għax anki għall-mediko-leġisti antiki (bħal ma huwa l-Orfila, Martini, Barzelotti, u Freschi) ma kienx ovvju li dan it-terminu ma kienx "la verità assoluta", imma għaliex kien impellenti li tiġi statwita regola fissa (ara Ziino, Med. Leg., Vol. I, p. 592). Dawk it-termini taddurata minima u massima tal-gravidanza ġew hekk stabbiliti sabiex fuqhom tiġi fondata l-preżunzjoni tal-leġittimità fuq imsemmija. L-iben li t-twelid tiegħu jkun konformi għal dawk it-termini hu assistit minn dik il-preżunzjoni, imma xejn aktar minn daqshekk ma qalet il-liġi; senjatament, ma qalet xejn f'dan l-artikolu fuq l-istat ta' dak l-iben li jitwieled aktar l-hemm mit-300 ġurnata mix-xoljiment jew annullament taż-żwieġ, ħlief s'intendi, dak li jista' raġjonevolment jiġi nferit mill-artikolu stess, ċjoè li iben hekk imwieled ma jkunx assistit mill-preżunzjoni tal-leġittimità mill-liġi stabbilita;

Hemm però l-art. 89 li jgħid hekk:— "Il-leġittimità ta' tifel imwieled tliet mitt ġurnata wara li ż-żwieġ jiġi maħlul

jew annullat tista' tkun attakkata minn kull min ikollu nteress". Dan l-artikolu tal-Kodiċi Malti (qabel l-art. 90 tat-test antik) hu identiku għall-art. 169 tal-Kodiċi Taljan, u identiku għall-art. 315 tal-Kodiċi Franċiż, ħlief li, f'dan tal-aħħar, ma hemmx il-kliem "minn kull min ikollu nteress"; liema differenza ma hix rilevanti għall-kwistjoni odjerna;

Fl-Annotazzjonijiet tiegħu, Sir Adrian Dingli jiċċita, minbarra oħrajn, dawn iż-żewġ liġijiet bħala l-fonti tad-dispożizzjoni. Issa, l-art. 89 tal-Kodiċi Tagħna, bħal l-artikoli tal-Kodiċijiet l-oħra, qiegħed jirriferixxi għall-każ tal-iben mitwieled wara li jkunu għaddew 300 ġurnata mix-xoljiment jew annullament taż-żwieġ. L-awturi staqsew il-għaliex il-liġi, in vista tat-terminu massimu tad-durata talgravidanza minnha stabbilit, kif fuq ingħad, ma ddikjaratx l-iben hekk mitwieled "di pieno diritto" illeġittimu, minflok ma ħallietu jiġi kunsidrat leġittimu sakemm ma jkunx hemm pronunċja tat-tribunal fuq istanza ta' mpunjazzjoni. Jgħidu Cattaneo e Borda, art. 169, paġ. 150:— "Perchè non è nel caso il figlio di pieno diritto considerato dalla legge per illegittimo? E' perchè ogni interesse particolare non può essere combattuto che da un interesse opposto; se lo stato del figlio non è impugnato rimane coperto dal silenzio che nessuno ha interesse a rompere". U dawn l-awturi jiċċitaw id-Duranton, Tomo II, p. 189, li approva dak li kien qal Duvergier fid-diskors tiegħu quddiem il-korp leġislattiv franċiż li kien elabora din id-dispożizzjoni; liema diskors hu anki ċitat fil-Marcadè (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., Vol III, paġ. 26 fit-tarf tagħha), li a sua volta jiċċita diversi awturi oħra li jagħtu l-istess raġuni tad-dispożizzjoni talliġi (ara nota (1) fl-istess paġina);

Issa, kif sewwa osservat fuq dan il-punt l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-impunjazzjoni fuq imsemmija tista' ssir anki "ope exceptionis", kif qegħdha ssir fil-każ preżenti millkonvenut Direttur tar-Reġistru Publiku, li bħala tali għandu nteress li jiġi ġudikat mill-Qrati dwar l-att tat-twelid tal-attur, u li fuq il-kriterju analoġiku fornit mill-art. 314 Kap. 23 (2) (a) kien ġustifikat jagħmel dik ir-reġistrazzjoni. Minn dan jidher illi l-kwistjoni tal-leġittimità o

meno tal-attur fil-każ preżenti għandha tiġi affrontata f'dan il-ġudizzju;

Issa, l-ewwel kwistjoni hija jekk il-Qorti għandhiex "senz'altro" tippronunzja l-attur illeġittimu għax mitwieled wara t-300 ġurnata mix-xoljiment taż-żwieġ, jew tistgħax tidħol fl-eżami taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ sabiex tiddeċidi, in bażi tagħhom, jekk l-attur huwiex iben żewġ ommu. Kif jidher mill-Laurent (Dto. Civ., Vol. III, para. 387, mil-Marcadè (loc. ċit.), u mil-Baudry-Lacantinerie (Delle Persone, Vol. IV, p. 461) fawturi tal-ewwel teorija), id-dottrina u l-ġurisprudenza huma diskordi a propożitu. Din il-Qorti hija nklinata taċċetta, kif fil-fatt taċċetta, l-opinjoni ta' dawk li jsostnu illi f'indaġini simili l-Qorti ma għandhiex tippronunzja "di pieno diritto" l-illeġittimità tat-tifel, imma għandha tiddeċidi skond iċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari;

Ir-relatur għat-Tribunal Franċiż, Bigot-Preameneu, kien qal:— "L'articolo vuole che la legittimità possa essere contradetta, ma vuole altresì che possa trionfare di tutti gli attacchi che non fossero fondati". U jidher raġjonevoli li jkun hekk, anki għal dawn it-tliet raġunijiet:—

1. Il-preżunzjoni bażata fuq it-terminu minimu u massimu aċċettati mill-liġi hija preżunzjoni ta' leġittimità, imma biss bis-sens li min jitwieled entro 300 ġurnata mix-xoljiment taż-żwieġ hu indiskutibbilment leġittimu, bla ma tista' tkun impunjata l-leġittimità tiegħu ħlief fil-każijiet tassattivament stabbiliti mill-liġi, u minn dawk il-persuni biss li ssemmi l-liġi; imma ma tistgħax id-dispożizzjoni relattiva tal-liġi tiġi estiża wkoll biex tfisser li kull min jitwieled wara t-300 ġurnata hu tabilfors illeġittimu. Biss, mhux assistit b'dik il-preżunzjoni, u l-istat tiegħu huwa mpunjabbli minn kull min għandu nteress;

2. Minbarra dan, kieku fil-ġudizzju ta' mpunjazzjoni l-Qorti hi kostretta li tippronunzja "senz'altro" l-illeġittimità tat-tifel, allura ma kienx ikun hemm ebda "ratio legis" biex tiġġustifika l-art. 89 fuq ċitat, u minflok kien jiġi mill-ewwel dispost illi t-tifel mitwieled wara t-300 ġurnata hu b'liġi illeġittimu;

3. U jiġi wkoll rilevat li quddiem it-tribunal franċiż, mnejn oriġinat din il-liġi, kien ġie oriġinarjament propost li jingħad li l-liġi ma tirrikonoxxix il-leġittimità tat-tifel imwieled 300 ġurnata wara x-xoljiment taż-żwieġ (ara Locrè, Vol. VI, pp. 172-298); iżda din il-proposta ma għaddietx, u ġuristi insinji, bħal ma kienu Duvergier, Bigot-Preameneu, u Lahary u oħrajn, opponewha b'suċċess. Dan ifisser li l-intenzjoni tal-leġislatur in definittiva ma kienetx dik li tipprekludi li t-tifel jista' jiġi dikjarat leġittimu fil-ġudizzju ta' mpunjazzjoni, non ostanti li jkun imwieled wara 300 ġurnata mix-xoljiment taż-żwieġ;

Ikkunsidrat;

Mid-dokument fol. 5 jirriżulta li l-attur twieled fil-21 ta' Settembru 1932; żewġ ommu miet (dok. fol. 6) fit-23 ta' Novembru 1931, f'liema jum ġie xjolt, għalhekk, iż-żwieġ ta' omm l-attur ma' Giovanni Romano. Vwoldiri li l-attur twieled appena tliet ijiem wara 300 ġurnata mix-xoljiment;

Deher mix-xhieda ta' omm l-attur li fil-ġurnata tal-Ġimgħa qabel il-ġurnata tat-Tnejn, li fiha miet żewġha Giovanni Romano, kien hemm bejniethom relazzjonijiet intimi, vwoldieri qiesu tliet mija u ħames ijiem qabel il-ġurnata tat-twelid tal-attur. L-attur dejjem baqa' jgħix ma' ommu. Fil-familja hu trattat minn dejjem bħal ħutu l-oħra. Xejn ma ġie pruvat, jew tentat li jiġi pruvat, dwar il-kondotta tal-omm. Kwantu għad-dippjù tat-terminu, l-awtur Ziino jiċċita l-Merrimann, li għamel statistika fuq mija u erbatax feti maturi; fosthom kien hemm żbatax li ssuperaw id-disgħa xhur ta' gravidanza, u mbgħad kien hemm wieħed ta' tliet mija u ġurnata, ieħor ta' tliet mija u tlieta, ieħor tliet mija u ħamsa, u tnejn tliet mija u sitta (Med. Leg. p. 593). Il-Cattaneo u Borda jsemmu anki, għar-rigward tal-parti tardivi, "lo stato valetudinario ed altre circostanze fisiologiche e patologiche della vedova" (loc. ċit.). L-attur għalhekk għandu jitqies bħala leġittimu;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza appellata; u kwantu għall-ewwel domanda tiddikjara li l-attur għandu jitqies tifel leġittimu ta' żewġ ommu, ċjoè ta' Giovanni Romano, mitwieled miż-żwieġ ta' dan Gio-

vanni Romano u l-appellata Maria Assunta; u kwantu għattieni domanda tordna l-korrezzjoni hemm mitluba;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, stante l-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa bejn il-litiganti kollha; id-dritt tar-Reġistru, però, bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut Dr. Scicluna nomine.